# Il-Ħadd 21.11.2021

1. Illum 21/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fil-5:00pm - Ċelebrazzjoni Djoċesana mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Bażilika ta' Kristu Re, Raħal Ġdid.

2. Il-Ħamis 25/11:-
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Is-Sibt 27/11:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm - Laqgħa tal-Abbatini.

4. Il-Ħadd 28/11, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:
   ***Nagħtu bidu għal Sena Liturġika ġdida***
   - Fil-quddies isir it-Tberik tal-Girlanda
     li tgħinna nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.
   - Fid-9:00am - Quddiesa speċjali li fiha nistiednu lill-familji bi tfal u adoloxxenti.

5. Avviżi oħra:-
   - Infakkar li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għad-Dħul ta' Tfal fl-Iskejjel tal-Knisja f'Settembru 2022, mingħand dawk li għandhom ħuthom diġà jattendu fi skola tal-Knisja, dawk li huma mpjegati fi skola tal-Knisja, u dawk li qegħdin fi skola primarja tal-Knisja li ma għandhiex sekondarja marbuta magħha, eċċ. Applikanti oħra, minn skejjel tal-Gvern u indipendenti, jkunu jistgħu japplikaw aktar 'il quddiem: f'Jannar u Frar. Informazzjoni oħra tinkiseb mill-istess Skejjel tal-Knisja u minn fuq il-website tal-Kurja: www.church.mt (https://church.mt/archdiocese/church-schools/).
   - Din is-sena, minħabba l-pandemija, l-ikla tal-Milied organizzata mill-Caritas mhijiex ser issir bħas-soltu fil-kurja, imma xorta ser joffru u jwasslu ikla misjura għal min ma jistax isajjar u m'għandux min isajjarlu. Jekk tafu b'min qiegħed f'din is-sitwazzjoni nitolbukom tgħaddu mill-aktar fis id-dettalji lill-Kappillan jew lil Grace Vassallo tal-Kummissjoni Djakonija.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 145 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 30 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points, illum jgħoddu bħala Ġabra għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.**
   Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.